MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Numru 279/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Marica Muscat ta’ 38 sena, bint il-mejjet Rafel u Maria nee’ Tabone, imwielda Pieta’ fl-1 ta’ Dicembru 1973 u toqghod 239, Triq San Mikiel, Bormla, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 9374(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmiha Marica Muscat li giet akkuzata talli fil-25 ta’ Frar 2008, fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, Rahal il-Gdid:-

Bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna cioe’ lil Nina Formosa WCO25, akkuzat lil dik il-persuna quddiem Awtorita kompetenti b’reat fil-waqt li kienet taf li dik il-

persuna hija innocenti, u dana bi ksur ta’l-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli iddenunzjat lill-Awtoritajiet rispettivi u cioe’ lil Awtoritajiet tal-Habs reat liema reat taf li ma sarx inkella bil-qerq holqot tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dana bi ksur ta’l-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli bil-hsieb li ittellef jew tnaqqas il-gieh ta’ Nina Formosa WCO25 weggatha bi kliem b’gesti jew b’mod iehor u dana bi ksur ta’l-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli b’hekk kisret il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

U fl-ahharnett talli, b’hekk saret recidiva b’sentenza tal-Qorti u dana ai termini ta’l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali tal-04 ta’ April 2008 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata tinsab akkuzata b’zewg imputazzjonijiet ewlenin. L-ewwel wahda hija dik prevista fl-artikolu 101 u cioe’ dik tal-kalumnja, filwaqt illi it-tieni imputazzjoni tirreferi ghar-reat tal-falza denunzja jew is-simulazzjoni tar-reat kif ikkontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9.

**IL-LIGI**

**L-artikolu 101 – Il-Kalumnja.**

Ir-reat tal-kalumnja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali titratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalumnja hija imsejjha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalumnja imsejjha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: **"*such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority*."**

Ghandu jinghad illi mid-dicitura ta'l-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunja falza trid tkun tali illi abbazi ta'l-istess, azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:

**"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."**

Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: **"L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."**

Fl-ahharnett f'sentenza ohra tal-Qorti ta'l-Appelli Kriminali gie deciz:

**“Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta’ kalumnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b’reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta’ dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.”** (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)

**<u>L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat</u>**

Illi it-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta’l-imputata tinkwadra ruhha fir-reat ikkontemplata fl-artikolu 110(2) u cioe’ is-simulazzjoni tar-reat. Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta’l-Ordinanza IX ta’l-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta’l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:

***“The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence <u>there is no specific accusation against any determinate person</u> and <u>there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> … (*****sottolinjar tal-Qorti*****). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information***

***report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally <u>the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation</u>.(*sottolinjar tal-Qorti*)”***

Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata Il-Pulizija vs David Mizzi jinghad is-segwenti fuq dina d-disposizzjoni tal-ligi:

**“Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta’ reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f’simulazzjoni reali jew indiretta u f’simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta’ dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta’l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx.”**

Dana ir-reat, ghalhekk, jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal per ezempju il-kaz li isehh ta’ sikwit fil-Qorti fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba fl-edificju tal-Qorti, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mid-dar tieghu, l-agent ikisser is-serratura, ihalli xi sellum ma’ xi hajt jew inkella johloq it-taqlib sabiex il-pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq - din hija s-simulazzjoni rejali u indiretta. Illi l-ghan ta’l-artikolu 110(2) huwa li jippenalizza il-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b’mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b’hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-kummissjoni ta’ dana l-allegat reat. Il-Professur Mamo ighid:

***“The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have***

***been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person*."**

## IL-FATTI

Illi l-imputata Marica Muscat fiz-zmien indikat fl-akkuza kienet qed tiskonta piena ta’ habs fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Illi mill-atti johrog car illi hija ghanda problema kbira ta’ vizzju tad-droga u jidher illi anke fil-perijodu taz-zmien li kienet residenti fil-Habs, hija kienet baqghet tabbuza mis-sustanza u dana peress illi jidher illi xi nies kienu qed jipprovdulha id-droga. Irrizulta illi ghal xi zmien l-imputata kienet intbaghtet l-isptar Monte Karmeli (sezzjoni tal-Habs). Meta imbaghad irritornat lura Kordin, kienet saritilha *strip search* mill-gwardjana Nina Formosa (il-parte civile) fejn dina kienet sabitilha d-droga fuq il-persuna taghha. Hawn jidher illi l-gwardjana kienet irrapurtat dana l-fatt. Xi zmien wara jidher illi l-imputat kienet bdiet taghmel xi allegazzjonijiet illi l-gwardjana Nina kienet ser iddahhal id-droga il-Habs. Illi l-Maggur Alison Sghendo fix-xhieda taghha isostni illi fil-25 ta’ Frar 2008, l-imputat kienet cemplet lid-Direttur tal-Habs, li f’dak iz-zmien kien is-Supretendent Sandro Gatt fil-presenza taghha sabiex taghmel rapport, izda id-Direttur kien qalilha sabiex tghaddi dina l-informazzjoni lil Maggur Sghendo. Dina x-xhud imbaghad tkompli tghid illi aktar tard matul il-gurnata kienet cemplitilha l-imputat fejn infurmatha illi f’dik il-lejla il-gwardjana Nina kienet ser iddahhal id-droga fil-Habs. Ghalhekk il-Maggur infurmat lid-Direttur b’dan u id-Direttur kien ghamel rapport l-Iskwadra ta’ Kontra d-Drogi. Dak in-nhar stess fil-ghaxija hekk kif il-gwardjana dahlet lura ghax-xoghol kienu saru l-investigazzjonijiet kollha sabiex jigi accertat jekk dana il-fatt kienx minnu. Fil-fatt it-tfittxija fuq dina l-gwardjana irrizultaw fin-negattiv[1]. Min-naha tieghu is-Supretendent Sandro Gatt jghid mod iehor dwar kif sar ir-rapport mieghu. Isostni illi l-imputata kienet marret fl-ufficju tieghu akkompanjata mill-gwardjana Anna Brignano fejn hemmhekk kienet kellmitu wahdu u infurmatu illi d-droga li kienet instabet fuqha kienet ipprovditielha il-gwardjana

[1] Ara xhieda tal-Maggur Alison Sghendo a fols. 31 u 32

Nina. Jghid illi dana sehh fl-20 ta' Frar. F'din l-okkazzjoni jghid illi huwa ma kienx ha passi peress illi dehrlu illi dina l-gwardjana kienet ufficjal tajba. Madanakollu imbaghad fil-gurnata ta'l-25 ta' Frar regghet kellmitu l-imputata fejn infurmatu illi f'dik il-lejla il-gwardjana Nina kienet ser iddahhal id-droga fil-Habs[2].

Wara li sar r-rapport ghalhekk jidher illi f'dik il-lejla il-gwardjana Nina giet investigata u l-investigazzjonijiet irrizultaw fin-negattiv. Madanakollu xi jiem wara u cioe' fit-28 ta' Frar jidher illi l-imputata kienet giet ikkonfrontata minn xi prigunieri nisa ohra fejn hemmhekk hija qaltilhom illi ma kienx minnu illi kienet il-gwardjana Nina li kienet ipprovditilha id-droga izda hija kienet akkwistat dina d-droga minn ghand priguniera ohra certu Doreen Bugeja. Fil-fatt mill-istqarrija ta' Fatiha Khallouf, li kienet inmate il-Habs, kif ukoll mix-xhieda taghha jirrizulta illi l-imputata kienet fethet qalbha maghha u stqarret illi d-droga li kienu sabu fuqha kienet ghaddithielha fil-fatt priguniera ohra Doreen Bugeja li kienet maghha fl-Isptar Mount Carmel. Qaltilha li dina Doreen kienet gabet id-droga meta kienet harget mill-Habs sabiex tmur tara lit-tarbija taghha gewwa l-Isptar Mater Dei. Ghalhekk meta hija semghet lil xi prigunieri jitkellmu bejniethom dwar ir-raport li l-imputata kienet ghamlet fuq l-gwardjana Nina hija infurmat lil dawn il-prigunieri fosthom lill-inmate Josette Bickle dwar dak li kienet qaltilha Marica[3]. Jidher illi wara li dana Josette Bickle flimkien ma' xi prigunieri ohra nisa iddecidew li jaffrontaw lill-imputata b'dina l-informazzjoni fejn l-imputata qaltilhom illi ma kienx minnu illi l-gwardjana Nina kienet ghadditielha xi droga. Ghalhekk Bickle avvicinat lis-supervisor Anna Vella u talbitha biex tkellem lid-Direttur fejn ghaddietlu dina l-informazzjoni u sahansitra sar konfront bejn l-imputata u Bickle fl-ufficju tad-Direttur.[4]

Illi abbazi ta' dana kollu kien sar rapport lill-pulizija fejn l-imputata giet investigata fuq allegat rapport falz fil-konfront tal-gwardjana 25 Antonia Formosa.

---

[2] Ara xhieda tas-Supretendent Sandro Gatt a fols. 50 et. seq.

[3] Ara xhieda ta' Fatiha Khallouf u stqarrija a fols.13 u 34

[4] Ara xhieda ta' Josette Bickle u stqarrija taghha a fols. 15 u 27 tal-process

Illi l-imputata ma tixhidx f'dina l-kawza. Fl-istqarrija rilaxxjata minnha meta interrogata hija tichad illi l-gwardjana Formosa qatt ghadditielha xi droga jew ratha tabbuza mid-droga u ghalqet ghajnejha. Tichad ukoll illi hija ghamlet rapport lid-Direttur tal-Habs fil-konfront ta' dina l-gwardjana. Meta mistoqsija jekk kenitx ghaddiet xi informazzjoni lil Maggur Alison Sghendo dwar dawn il-fatti, ghall-ewwel hija ma twegibx, imbaghad wara li terga tigi mistoqsija, tichad. Tghid illi meta kellmuha id-Direttur u il-Maggur Sghendo u staqsewha jekk il-gwardjana Nina kenitx qatt dahhlet id-droga gewwa il-Habs, hija wegbithom illi din il-gwardjana qatt ma ghamlet dan.[5]

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, jirrizulta indubbjament ippruvat illi l-imputata kienet irrapurtat ma' awtorita kompetenti u cioe' mad-Direttur tal-Habs li dak iz-zmien kien is-Supretendent Sandro Gatt illi l-gwardjana 25 Antonia Formosa kienet ser iddahhal id-droga gewwa il-habs bil-ghan li tittraffika l-istess. Dana certament jikkostitwixxi reat ai termini tal-artikolu 7 tal-Att Dwar il-Habs (Kapitolu 260) u il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat igorr mieghu piena ta' prigunerija.

Illi il-Qorti trid tghaddi issa sabiex tistabilixxi jekk l-imputata kenitx konxja tal-fatt illi ir-rapport li kienet qed taghmel kien wiehed falz u li l-intenzjoni taghha kien sabiex hija taghmel hsara lill-istess gwardjana. Illi mill-provi akkwiziti johrog illi minn investigazzjonijiet li saru mill-ufficjal tal-pulizija kontra il-Vizzju tad-Droga, dak irrapurtat ma kienx minnu peress illi minn tfittxija li saret fuq il-persuna taghha dawn irrizultaw fn-negattiv.

Illi kif diga inghad ghalkemm l-imputata tichad illi hija qatt ghamlet dana ir-rapport fil-konfront tal-gwardjana Nina, madanakollu ma hemmx dubbju illi dana sehh kif jikkonfermaw is-Supretendent Gatt u il-Maggur Sghendo. Fil-fatt kien abbazi ta' dana ir-rapport li sussegwentement saru l-investigazzjonijiet mill-pulizija fuq l-istess gwardjana. Illi jidher illi xi jiem qabel l-gwardjana 25 kienet ghamlet tfittxija fuq l-imputata u sabet id-droga fuq il-

[5] Ara stqarrija ta'l-imputata Dokument MM3 a fol.17 u 18

persuna taghha u wara irrapurtatha ghal dana il-fatt. Jidher illi kien wara dana l-incident illi l-imputata imbaghad irrapurtat lill-gwardjana. Il-Qorti ghalhekk hija moralment konvinta illi l-imputata ghamlet dana b'sens ta' tpattija u dana sabiex taghmel hsara lill-istess gwardjana. Fil-fatt l-imputata stess tikkonferma kemm il-darba illi l-gwardjana Nina Formosa qatt ma dahhlet xi droga fil-Habs u li hija tafha bhala ufficjal tajba li dejjem gabitilha rispett.

Illi dawn il-fatti kollha jinkwadraw ruhhom fir-reat tal-kalumnja ikkontemplat fl-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk fl-ewwel akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputata. Illi l-Qorti tqis illi it-tieni akkuza ma tirrizultax legalment fondata u dana peress illi l-elementi legali li isawwru dana ir-reat ai termini ta'l-artikolu 110(2) ma jinkwadrawx ruhhom fil-fattispecje ta' dana il-kaz billi l-intenzjoni ta'l-imputata kienet wahda specifika u cioe' li takkuza persuna specifika bir-reat bl-intenzjoni li taghmilha hsara.

Illi in kwantu ghat-tielet akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputata dwar l-ingurja ai termini tal-artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9, dina inndubbjament inghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel imputazzjoni u kwindi peress illi l-Qorti ser issib il-htija fuq l-ewwel akkuza, ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-imputazzjoni.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi l-imputata hija recidiva kif fil-fatt tinsab akkuzata fl-ahhar zewg imputazzjonijiet fosthom illi hija kisret il-provvediment impost fuqha permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta' Jannar 2008 f'liema sentenza hija giet illiberata bil-kundizzjoni li ma tikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn. L-imputata fil-fatt irnexxielha tikser dina l-kundizzjoni filwaqt li kienet tinsab tiskonta sentenza ta' prigunerija gewwa l-Habs. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputata ghandha problema serja ta' droga u li qatt ma gharrfet tindirizza dina l-problema. Fil-fatt hija ma irnexxilhiex tindirizza dina l-problema lanqas meta kienet il-habs, anzi baqghet tabbuza mis-sustanza anke filwaqt li kienet inkarcerata. Il-Qorti ghalhekk ma tarax illi piena karcerarja effettiva ser twassal ghar-riforma

ta'l-imputata. Ghalhekk l-Qorti ser taghti lill-imputata l-ahhar opportunita' biex tindirizza dina l-problema serja u ser tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront taghha bil-kundizzjoni illi hija issegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li tiehu il-kura kollha li ghandha bzonn ghall-problemi psikjatrici illi ghandha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 101(1)(a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet akkuza u filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni akkuza, issibha hatja tal-kumplament ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hatja taht Ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum bil-kundizzjoni illi hija tibda minnufih tiehu il-kura kollha li tenhtieg ghar-riabiltazzjoni taghha mill-vizzju tad-droga, inkluz li tibda issegwi programm residenzjali u dana taht is-supervizzjoni u id-direzzjoni tal-Ufficjal tal-Probation kif ukoll li tiehu dik il-kura psikjatrika u/jew psikologika li tenhtieg. Inoltre wara li rat l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputata thallas multa ta' hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija ma tobdiex l-ordni imposta fuqha illum jew jekk tikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' tlett snin hawn fuq indikati.

Il-Qorti tordna komunika tas-sentenza lill-Ufficjal tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------